MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 273/2003/1

**Blye Engineering Co. Ltd**

**vs**

**Philip Borg Bellanti u Joe Fenech**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Novembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm1,380.00c (elf tlett mija u tmenin lira Maltin) rapprezentanti tlett (3) kambjali ta' Lm460.00c (erba' mija u sittin lira Maltin)-il wahda li skadew rispettivament fl-1 ta'

Lulju, fl-1 t'Awissu u fl-1 ta' Settembru 2002, oltre l-imghax mid-data ta' kull kambjala u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Ra n-nota pprezentata fit-28 ta' Gunju, 2004 li permezz taghha s-socjeta' attrici cediet il-kawza fil-konfront ta' Philip Borg Bellanti u, stante s-solidarjeta' bejn il-konvenuti (ai termini tal-Art. 168 tal-Kodici tal-Kummerc), zammet ferm fil-konfront tal-konvenut l-iehor Joe Fenech.

Ra li permezz ta' l-istess nota s-socjeta' attrici rriduciet it-talba ghal Lm1,157.42c (elf mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) stante l-hlas ta' Lm222.58c (mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) fil-mori tal-kawza (oltre l-imghax kummercjali).

Ra li l-konvenut Joe Fenech baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Louis Vella jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut Joe Fenech ihallas Lm1,157.42c (elf mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi."

Il-konvenut Joe Fenech appella minn din is-sentenza bis-segwenti aggravji:

(i) In-notifika ta' l-avviz ma kienetx wahda valida;

(ii) Huwa ffirma l-kambjalijiet fil-kapacita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Sunny Delite Limited u dan jidher car mill-istess kambjalijiet fejn l-imsemmija socjeta` tissemma espressament;

L-ewwel aggravju jidher li hu manifestament insostenibbli. Apparti mill-fatt illi l-appellant naqas milli jissostanzja b' raguni plawsibbli u konvincenti l-assunt tieghu ta' l-

invalidita` tan-notifika, jidher apparentement illi fil-mori tal-kawza hu hallas is-somma ta’ Lm222.58, akkont ta’ wahda mill-kambjalijiet, tant li s-somma reklamata fl-avviz giet ridotta permezz ta’ Nota a fol. 28 tal-process. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tinoltra ruhha zzejjed fuq dan l-aggravju, hlief li tafferma li l-appellant kien baqa’ fi stat kontumaccjali quddiem it-Tribunal;

Affermat dan, kif inhu pacifiku, il-konvenut li jibqa’ kontumaci mhux prekluz milli jappella u ghalkemm ma jistax igib quddiem din il-Qorti xhieda, jekk ma jiggustifikax in-nuqqas tieghu, jitratta l-kawza jista’. Ara **Kollez. Vol. XLII P I p 517**;

Maghdud dan, huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa’ kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta’ jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide **Kollez. Vol. XXIX P III p 35**;

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tat-tieni aggravju. Skond l-appellanti, *ex facie* l-kambjalijiet esebiti (fol. 2), hu, flimkien mal-konvenut l-iehor li fil-konfront tieghu t-talba giet irtirata, kienu ffirmaw *qua* diretturi tas-socjeta Sunny Delite Ltd. Ghas-socjeta` attrici, invece, ma kien hemm xejn x’ jindika li l-konvenut appellant iffirma f’ isem din is-socjeta`. Dejjem fil-fehma ta’ l-istess socjeta` attrici il-kliem Sunny Delite Ltd tnizzlu biss bhala parti mill-indirizz ta’ min iffirma l-kambjalijiet, u xejn aktar minn dan;

Ghall-iskop ta’ accertament din il-Qorti ordnat lill-appellanti jesebixxi kopja ta’ l-istatut socjali tas-socjeta` “Sunny Delite Limited”, kif hekk fil-fatt sar permezz ta’ Nota a fol. 44. Minn dan l-istatut jirrizultaw dawn l-aspetti ta’ interess:-

(i) L-indirizz tas-socjeta` huwa dak muri fuq wicc il-kambjalijiet, u cjoe 66 West Street, Valletta;

(ii) Iz-zewg konvenuti azzjonati jiffiguraw bhala d-diretturi ewlenin tal-Bord tad-Diretturi ta’ l-istess socjeta` in kwantu l-wiehed kien jirrapprezenta l-‘A’ *shares* u l-iehor il-‘B’ *shares*;

Dan premess, huwa difficli ghal din il-Qorti illi taccetta bhala proposizzjoni korretta s-sottomissjoni ta-socjeta` attrici appellata illi l-indikazzjoni fuq il-kambjalijiet ta’ isem is-socjeta` u ta’ l-indirizz registrat taghha sar biss ghal konvenjenza u mhux ukoll biex turi illi n-negozju guridiku kien gie krejat bejn iz-zewg socjetajiet;

Ghal din il-Qorti, u hekk ukoll messu kien evidenti ghat-Tribunal adit, minn wicc il-kambjalijiet kellu jkun indikattiv illi l-accettanti firmatarji ma kienux qed jassumu obbligu personali tal-hlas ta’ l-ammonti stabbiliti imma kienu qed jagixxu bhala mandatarji jew rapprezentanti tas-socjeta` li taghha huma kienu wkoll id-diretturi;

Huwa veru li tezisti l-presunzjoni illi, fin-nuqqas ta’ prova kuntrarjarja sakemm ma jigix stabbilit xort’ ohra, wiehed solitament jikkontratta jew jassumi obbligazzjonijiet f’ ismu personalment. Din il-presunzjoni pero` tibqa’ wahda *juris tantum* u tista’ tigi ribattuta jew mod iehor dezunt mic-cirkostanzi bhala provanti li n-negozju kien sar mhux mal-konvenuti personalment izda mas-socjeta` rapprezentata minnhom. “Sewwa jinghad li l-prova mehtiega biex tigi newtralizzata din il-presunzjoni *juris tantum* tvarja sew minn kaz ghall-iehor. Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta’ kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta’ haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji.” – “**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999;

Kif gja rilevat, fil-kaz in ezami kollox jindika, ghallanqas *prima facie*, u *ex facie* l-istess kambjalijiet, illi fil-mument li dawn gew iffirmati s-socjeta` attrici kienet xjenti mill-fatt illi l-obbligazzjoni tas-sodisfaciment tal-kreditu taghha kien qed jigi assunt mis-socjeta` Sunny Delite Limited. Certament fil-hsieb tal-Qorti ma setax ikollha ebda dubju dwar dan. Ma ngiebet ebda prova minnha illi l-konvenuti assumew personalment l-obbligu tal-hlas u wiehed allura jkollu joqghod fuq dak li materjalment jinsab indikat u stabbilit mid-dokumenti nfushom, esebiti mill-istess socjeta` attrici. Hlief ghal dawn ma hemm xejn aktar fl-atti li jista' jissuggerixxi mod iehor. Huwa l-kaz ghalhekk li din il-Qorti tvarja l-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju tal-konvenut appellant u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Fic-cirkostanzi tal-kaz huwa xieraq li l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------